# San Pawl ta' Ħal Safi fi djar il-Maltin u l-Għawdxin kollha



*Kitba ta' Carmel Callus*

Grazzi għall-inizjattiva li ħadet il-Posta ta' Malta li tfakkar is-Sena Pawlina bil-ħruġ ta' bolli li juru l-erba' statwi titulari ta' San Pawl li hawn f'Malta u Għawdex, l-istatwa maestuża li għandna fil-parroċċa tagħna spiċċat daħlet fi djar il-Maltin u l-Għawdxin kollha minbarra li sabet ruħha wkoll f'ħafna pajjiżi oħrajn.

Kellna l-fortuna kbira li l-istatwa ta' San Pawl ta' Ħal Safi – xogħol barokk fuq l-injam mill-iskultur Żejtuni Xandru Farrugia – tkun prodotta fuq il-bolla tad-19-il ċenteżmu (jew it-8ċ l-antika) li tintuża għall-posta lokali, u b'hekk spiċċat il-bolla li l-aktar intużat minn fost is-sett kollu.




Is-sett ta' bolol, maħruġ fit-28 ta' Ġunju tas-sena l-oħra, jiġifieri fil-ftuħ tas-Sena Pawlina, kien jikkonsisti wkoll f'bolla tat-68ċ li turi l-istatwa ta' San Pawl meqjuma fil-Munxar, Għawdex, il-bolla ta' €1.08 li turi l-istatwa ta' San Pawl fir-Rabat, u l-bolla ta' €3 li turi l-istatwa ta' San Pawl Nawfragu meqjum fil-Knisja Kolleġġjata ta' San Pawl fil-Belt Valletta. Matul is-sena, il-bolli ta' kull parroċċa mhux biss intużaw f'diversi prodotti li nħarġu fil-festi, iżda wkoll il-Posta ħadet ħsieb li għal kull festa titulari ta' San Pawl, bħal ma kien il-każ ta' Ħal Safi, toħroġ invilopp kommemorattiv bil-bolla tal-istatwa tal-post partikolari b'timbru speċjali tal-ħruġ tas-sett sħiħ.

Kelliem għall-Posta ta' Malta, għalkemm għal raġunijiet kummerċjali ma xtaqx jiżvela la kemm kien il-bejgħ tas-sett fl-ewwel jum tal-ħarġa u lanqas kemm kien l-għadd ta' bolli li juru l-istatwa ta' Ħal Safi li nbiegħu fuq perijodu ta' sena, ikkonferma li l-bolla tad-19ċ bl-istatwa tal-patrun tagħna ntużat aktar milli qatt kien mistenni. Dan minkejja li bl-istess valur fiċ-ċirkolazzjoni baqgħet tinbiegħ ukoll il-bolla ta' San Ġorġ Preca u bolli oħra minn settijiet li ħarġu tul l-aħħar tnax-il xahar.







Fi kliem il-kelliem tal-Maltapost, l-interess fis-sett tal-istatwi ta' San Pawl kien wieħed kbir, mhux biss minn dawk il-Pawlini f'Malta, iżda wkoll barra minn pajjiżna. "Nista' ngħidlek li l-bolli ta' San Pawl huma storja waħidhom fil-Posta Maltija, peress li hija tema li ħarġet diversi drabi u f'diversi okkażjonijiet relatati ma' San Pawl. Dan wassal biex l-istatwa ta' San Pawl ta' Ħal Safi daħlet fl-istorja."

Ta' min isemmi li għal din l-okkazjoni l-Posta ħarġet bolla replika tal-fidda fi Frar li għadda u l-interess fiha tant kien kbir u tant intlaqgħet tajjeb li kważi nbiegħu r-repliki kollha li nħadmu, inklużi dawk mibjugħin barra minn Malta. Peress li l-bolla tal-fidda hi nnumerata u kulma nħarġu kienu biss 2,000, dan għamel il-prodott wieħed uniku. Din il-bolla hi kumplimentata b'*folder* kommemorattiv li jiġbor fih is-sett kollu ta' bolli tas-Sena Pawlina kif ukoll illustrazzjoni tal-knejjes, inkluż il-knisja ta' Ħal Safi. Tajjeb li jingħad li din il-bolla replika tal-fidda diġà qed iġġib prezz tajjeb fis-suq, u dan ikompli jikkonferma li din il-bolla replika hi mfittxija minn bosta.